**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**Nhar is-Sibt 30 ta' April 2022**

**9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.***

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B huwa ta' tliet sigħat)**

## Parti A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin:

1. Il-klijent tiegħek kien konvenut f'kawża ta' separazzjoni personali li nqatgħet kontra tiegħu u fis-sentenza li saret finali ma ngħata ebda jedd ta' aċċess għal uliedu minorenni. Jidhirlu illi b'hekk inkisirlu l-jedd fondamentali għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu. Ħejji l-att meħtieġ biex jikseb rimedju.

2. Il-klijent tiegħek, li joqgħod fir-Renju Unit, għandu proprjetà hawn Malta li tgawdi dritt ta' mogħdija minn fuq art tal-ġâr. Issa sar jaf li tliet xhur ilu l-ġâr imbarra din il-mogħdija billi bena ħajt u għalaq id-daħla. Ħejji l-atti meħtieġa biex il-klijent tiegħek jikseb rimedju.

3. Il-klijent tiegħek kien għamel konvenju li bih intrabat li jixtri, u s-sid intrabat li jbigħlu, proprjetà immobbli. Il-konvenju kien jorbot għal tliet xhur li jagħalqu għada. Is-sid bidel il-ħsieb li jbigħ u, biex jevadi l-obbligazzjoni tal-konvenju, bigħ il-proprjetà lil ibnu. Ħejji l-atti meħtieġa biex lill-klijent tiegħek iseħħlu li jikseb il-proprjetà.

4. Ħejji l-atti meħtieġa biex mara miżżewġa li abbandunaha żewġha tinfired legalment minnu u titħallas manteniment għaliha u għall-ulied.

5. Il-klijent tiegħek ġie notifikat b'mandat ta' sekwestru eżekuttiv maħruġ kontra tiegħu wara sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Jannar 2022 li ikkundannatu jħallas mitt elf euro (€100,000) lis-sekwestrant. Hu jgħid illi qatt ma kien notifikat bir-rikors maħluf li bih kienet inbdiet il-kawża li wasslet għas-sentenza. Ħejji l-atti meħtieġa biex il-klijent tiegħek jikseb rimedju.

6. Ħejji l-att meħtieġ biex isir appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati illi ikkundannat lill-klijent tiegħek għal sentejn priġunerija għax sabitu ħati ta' serq ikkwalifikat bil-ħin u bil-lok.

## Parti B

Wieġeb għal waħda biss minn dawn li ġejjin:

1. Kif tirrikonċilja d-dmirijiet ta' avukat taħt ir-regolamenti kontra l-ħasil ta' flus mal-obbligu ta' sigriet professjonali u kunfidenzjalità?

2. Jekk avukat isir jaf illi klijent li qiegħed jippatroċina kien ippatroċinat minn avukat ieħor qablu fuq l-istess kwistjoni, x'għandu jagħmel? Jagħmel differenza jekk il-każ ikun ta' urġenza, bħal meta jkun sejjer jagħlaq iż-żmien biex jiġi preżentat xi att?

3. Ġejt mistieden sabiex fil-kapaċità tiegħek ta' avukat tieħu sehem fi progamm tar-radju li fih is-sehem tiegħek għandu jkun illi inti tagħti biss tagħrif dwar materja magħżula. Ftit tal-ħin qabel jibda l-programm il-preżentatur igħidlek illi sejrin isiru telefonati mis-semmigħa biex jitolbuk pariri legali. X'għandha tkun il-pożizzjoni tiegħek dwar dan l-iżvilupp?

**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**Nhar is-Sibt 24 ta' Settembru 2022**

**9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.***

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B huwa ta' tliet sigħat)**

## Parti A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin:

1. Il-klijent tiegħek huwa werriet ta' *ex*-impjegat mal-gvern li tilef ħajtu wara marda li ħakmitu għax kien espost għal ħafna snin għal ambjent tossiku fil-post tax-xogħol. Huwa ħarrek lid-dipartiment li miegħu kien impjegat l-awtur tiegħu u b'sentenza li issa saret finali kiseb dikjarazzjoni ta' responsabilità tad-dipartiment għall-inċident kif ukoll likwidazzjoni tad-danni pekunjarji u kundanna tad-dipartiment għall-ħlas. Il-klijent tiegħek iżda huwa tal-fehma illi għandu jingħata wkoll kumpens għal danni morali. Agħti parir bil-miktub lill-klijent dwar x'possibilità għandu li jkiseb dawn id-danni u ħejjilu abbozz tal-atti li bihom tiftaħ il-kawża jekk il-klijent wara li jqis il-parir tiegħek jiddeċiedi li jmexxi b'kawża.

2. Il-klijent tiegħek xtara karrozza li fiha sab difetti li ma kinux jidhru fil-waqt tal-bejgħ u għalhekk, għalkemm kien ħallas depożitu akkont meta xtraha, issa qiegħed jirrifjuta li jħallas il-bilanċ. Il-bejjigħ ħarrku biex iġiegħlu jħallas il-bilanċ tal-prezz. Ħejji l-atti meħtieġa biex il-klijent tiegħek iwieġeb għar-rikors maħluf tal-bejjigħ u wkoll biex jinqeda bir-rimedju redibitorju.

3. Ħejji l-atti meħtieġa biex il-klijent tiegħek, sid-il-kera ta' fond mikri qabel l-1995, jikseb awment fil-kera jew, alternattivament, jekk il-kerrej ma jissodisfax it-test tal-mezzi kif trid il-liġi, jikseb lura l-fond wara li jintemm il-kiri.

4. Il-klijent tiegħek kien għamel konvenju li bih intrabat li jixtri, u s-sid intrabat li jbigħlu, proprjetà immobbli. Il-bejjigħ imwiegħed ma resaqx għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ-u-xiri u, minflok, bigħ l-istess fond lil terzi. Il-klijent tiegħek, wara li sejjaħ lill-bejjigħ imwiegħed b'att ġudizzjarju kif trid il-liġi, ħarrek kemm lill-bejjigħ imwiegħed u kemm lit-terz biex jitwettaq il-konvenju. Tressqet eċċezzjoni illi, issa li l-proprjetà nbigħet lit-terz li ma kienx parti fil-konvenju, il-bejgħ lill-klijent tiegħek ma jistax iżjed isir u illi l-klijent tiegħek jista' biss jitlob id-danni. Ħejji nota ta' osservazzjonijiet favur il-posizzjoni tal-klijent tiegħek u fisser għala u kif jista' u għandu jsir il-bejgħ favur il-klijent tiegħek.